# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 22 ta' Novembru 2021

## Talba numru 303/2019SFJ

**PAUL BORG (283155M) U JUDITH BORG (512958M)**

**VS.**

**MARIO GRECH (365657M), NORBERT GRECH (490388M) U CHRISTELLE D'AMATO (399580M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

> "*Illi l-esponenti huma sidien tal-fond bin-numru 75, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, filwaqt li l-intimati Norbert Grech u Christelle D'Amato huma sidien tal-fond 77, 79 u 81, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ.*
>
> *Illi madwar xahar ilu, l-intimati kollha jew min minnhom, wettqu xogħolijiet fil-fond tagħhom bir-riżultat li għamlu ħsara fil-proprjetà tal-esponenti.*
>
> *Illi l-esponenti ġabu stimi għat-tiswija tal-istess ħsara u anki rapport peritali tal-istess.*

*Illi minkejja li l-intimati ġew interpellati sabiex iħallsu għall-ħsarat ikkawżati minnhom, huma baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu jikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsuhom is-somma ta' elf u tnejn u disgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,092.95) rappreżentanti danni sofferti mill-esponenti fil-proprjetà tagħhom bi ħtija tal-intimati jew min minnhom.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sal-ħlas effettiv.*"

Ra li skont ir-riferti, il-konvenuti ġew innotifikati fit-18 ta' Ottubru 2019.

Ra r-Risposta tal-konvenuti kollha, ippreżentata fid-29 ta' Ottubru 2019, li fiha ġie eċċepit:

"*Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretensjonijiet u konsegwenti talbiet attriċi fil-konfront tal-intimati rigwardanti danni minnhom allegatament subiti huma in parte esaġerati u in parte inġustifikati għaliex mhux dovuti, u dan hekk kif ser jiġi ppruvat fil-prosegwiment ta' din il-kawża.*

*Illi l-esponenti qegħdin ukoll jopponu għal kull talba ta' ħlas ta' spejjeż fir-rigward ta' din il-kawża u dan stante l-kontenut suespost.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jingħataw waqt il-prosegwiment tal-kawża u l-preżentata tad-dokumentazzjoni.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi u bl-inġunzjoni tal-istess fi proċeduri ġudizzjarji.*"

Ra l-Kontro-talba tal-konvenuti kollha li permezz tagħha talbu:

"*Tiddikjara lil Paul Borg u Judith Borg debituri fil-konfront tal-konvenuti versu l-ammont ta' elfejn u mitt Ewro (€2,000) u dan in rappreżentanza tad-dannu kkaġunat mill-istess atturi fil-konfront tal-intimati u dan stante li l-istess atturi żgassaw il-bieb tal-proprjetà tal-intimati.*

*Tordna lill-istess Paul Borg u Judith Borg sabiex jirrifondu dan l-ammont fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-kontro-talba kontra Paul Borg u Judith Borg, minn issa nġunti in subizzjoni.*"

Ra r-Risposta tal-atturi rikonvenzjonati, ippreżentata fit-8 ta' Novembru 2019, li fiha ġie eċċepit:

"*Jeċċepixxu bir-rispett:*

1. *Il-kontrotalbiet tal-intimati huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom stante li mhuwiex minnu li l-esponenti għamlu xi ħsara fil-bieb mertu tal-istess kontrotalba, wisq anqas żgassawh.*

2. *Inoltre, l-intimati kollha qed jagħmlu l-istess kontrotalba meta in effett, mill-informazzjoni li għandhom l-esponenti, mhux l-intimati kollha huma sidien ta' dak li qed jgħidu li ġarrbu l-ħsara fih.*

3. *F'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-intimati għandhom iġibu prova sodisfaċenti tat-talba tagħhom u tal-ammont mitlub stante li fil-kontrotalba tagħhom huma qed jindikaw l-ammont ta' €2,100 bħala danni ġjà sofferti u mħallsa minnhom u qed jitolbu li dan it-Tribunal jordna li l-ammont jiġi rifuż mill-esponenti.*

4. *Inoltre u mingħajr preġudizzju wkoll, l-ammont mitlub mill-intimati huwa esaġerat.*

*Bl-ispejjeż.*"

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-22 ta' Novembru 2021.

**Provi mressqa**

Il-Perit Faye Sciberras, li kienet il-perit imqabbda mill-konvenuti, ġiet prodotta bħala xhud mill-atturi u qalet li kienet hi li ddisinjat il-proprjetà tal-konvenuti u ħadet ħsieb applikazzjoni tal-ippjanar. Qalet li fir-rigward tal-atturi (ġirien tal-konvenuti), hija żarithom u għamlet żewġ *condition reports*. Bejn l-ewwel u tieni rapporti għaddew madwar sena u ħames xhur. Hija qalet li t-tieni rapport kellu jsir għax kien hemm xi emendi leġislattivi u għalhekk tabilfors kellu jsir rapport ieħor. L-ewwel rapport (dokument FS1) kien datat 9 ta' Mejju 2018 filwaqt li t-tieni rapport (dokument FS2) kien datat 21 ta' Ottubru 2019.

Hija qalet li l-fond tal-atturi kien fi stat tajjeb inkwantu l-ewwel żewġt ikmamar, kuritur żgħir u kamra tal-banju. Qalet li kellhom il-kmamar tas-sodda fuq wara tad-dar li kienu fi stat ħażin ħafna, filwaqt li l-kċina kienet fi stat diċenti. Fiż-żmien tat-tieni rapport, l-atturi kienu bnew fil-parti ta' wara u meta marret hi, il-bini kien lest u kien hemm anki l-għamara. Dawn kienu kmamar tas-sodda. Il-kċina u l-kmamar l-oħrajn kellhom xi tibdiliet żgħar.

Sciberras kompliet tgħid li l-atturi qalulha li kien hemm xi ħsara fil-madum mal-ħajt fis-sens li kien maqtugħ u jinstema' vojt meta xi ħadd itaptap fuqu. Il-ħajt li kellu mwaħħal miegħu dan il-madum kien appoġġ li jmiss mal-ħajt tal-konvenuti.

In kontro-eżami, Sciberras qalet li sa Jannar 2020, saru xi *alterations* fid-dar tal-konvenuti. Fir-rigward tal-appoġġ li jmiss mad-dar tal-atturi, saru xogħolijiet fis-sens li kien hemm saqaf li tneħħa u tpoġġa taraġ tal-konkos. Il-ħajt li jifred il-proprjetajiet kien disa' pulzieri franka ("*limestone*"). Ma

sar ebda skavar min-naħa tal-konvenuti. Qalet ukoll li t-tieni *condition report* bilfors kellu jsir għax il-konvenuti kienu se jibdew it-tieni fażi tax-xogħolijiet, jiġifieri l-iskavar sabiex issir pixxina. Hija kompliet tgħid li sa Novembru 2018, ma rċeviet ebda lment mingħand l-atturi. It-tieni *condition report* sar madwar sena wara li spiċċaw ix-xogħolijiet ta' struttura, li kienu lesti f'Novembru 2018. L-ilmenti tal-atturi sarulha meta hija marret tagħmel it-tieni *condition report*.

In ri-eżami, Sciberras qalet li hi taptpet fuq il-madum fejn urewha l-atturi u rriżultalha li kien hemm xi spazju vojt warahom. Hija ma vverifikatx x'kienet il-kawża ta' dan u ma kellmitx lill-konvenuti dwar dan. Qalet li l-konvenut Norbert Grech qalilha li kien qed ineħħi l-imsiemer b'xi għodda.

Finalment, Sciberras qalet li qabel għamlet it-tieni rapport tagħha, kienet irċeviet ir-rapport tal-Perit Schembri (il-perit imqabbad mill-atturi) u meta rċevietu kienet diġà taf li l-atturi kellhom xi problema fil-kċina.

Wayne Borg, iben l-atturi, xehed u qal li fil-31 ta' Lulju 2019, ommu kienet qaltlu li kien hemm xi ħsara fil-madum tal-kċina. Meta ra b'għajnejh, huwa ra li kien hemm il-madum imqabbeż 'il barra. Qal li mbagħad, missieru mar iħabbat lill-ġirien biex jgħidilhom ma jibqgħux jagħmlulhom ħsarat. Il-ġirien ma fetħux u x-xogħolijiet min-naħa tal-konvenuti komplew. Qal li missieru reġa' mar iħabbat lill-konvenuti u dik id-darba, il-konvenut Mario Grech ħareġ għal Paul Borg. Iżda f'dik l-okkażjoni, Wayne ma kienx preżenti iżda ħareġ meta sema' lil missieru Paul u lil Mario Grech jargumentaw. Qal li eventwalment sab lil Mario Grech isawwat lill-attriċi Judith Borg. Fir-rigward tal-bieb mertu tal-kontro-talba, Wayne Borg qal li dan kien "*normali antik*".

In kontro-eżami, Borg qal li l-inċident kollu seħħ fil-proprjetà tal-konvenuti u qal li hu daħal f'dik il-proprjetà f'dik il-ġurnata minkejja li ħadd ma stiednu jidħol. Qal ukoll li b'għajnejh seta' jagħraf il-madum imqabbeż 'il barra u maqsum. Borg żied li sema' "*jigger*" ikisser mal-ħajt, u dan l-apparat semgħu minn ġol-ħajt u ra li kien qed jikkawża vibrazzjonijiet fl-għamara tal-atturi. Qal li kien jaf xi jkun *jigger* għax ġieli ħadem b'apparat bħalu. Rigward il-ħajt li jifred iż-żewġ proprjetajiet, qal li kien jaf biss li kellha titla' filata oħra.

L-attur Paul Borg qal li hu joqgħod fl-indirizz *75, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ* u li l-konvenuti għandhom il-fond maġenbhom bl-appoġġ mal-fond tal-atturi. Huwa spjega li l-kawża kienet dwar ħsara li saret lill-atturi fil-31 ta' Lulju 2019. Qal li kif daħal id-dar sema' il-*jigger* u xi ħaġa li tkun imqabbda mal-*jigger* kienet qed tħokk mal-madum tal-ħajt tal-kċina tiegħu. Qal li l-madum "*litteralment inqala'*". Qal li ma kienx se jsib madum bħal dak li saritlu l-ħsara, għax dak kien sar xi ħamsa u għoxrin sena qabel.

L-attur hawn ikkonferma li huwa mar jitlob l-istimi li jinsabu a fol. 52 u 53 tal-proċess. Dik a fol. 52 kienet dwar il-madum filwaqt li dik a fol. 53 kienet dwar it-twaħħil. L-attur esebixxa numru ta' ritratti u qal li ma kienx minnu li hu kkawża ħsarat lill-bieb tal-konvenuti u għalhekk ma kienx minnu dak minnhom allegat fil-kontrotalba, jiġifieri li l-attur rikonvenzjonat kellu jħallas elfejn u mitt Ewro (€2,100) lill-konvenuti rikonvenzjonanti.

L-attriċi Judith Borg essenzjalment ikkonfermat dak li xehed żewġha. Hija qalet li mill-kċina semgħet lill-konvenut fil-fond adjaċenti juża *drill* u b'dan l-apparat nifed il-ħajt kollu u mess il-madum tal-ħajt tal-kċina tal-atturi. Hija ħarġet fil-bitħa tagħha u bdiet tgħajjat lill-konvenuti biex jieqfu għax kienu qed jagħmlulha l-ħsara, iżda għalxejn. F'dan l-istadju, ix-xhud ikkonfermat ir-ritratti a fol. 62 u 63 tal-proċess. Fir-rigward taż-żjara tal-Perit Faye Sciberras, l-attriċi qalet li meta l-perit marret għandhom l-ewwel darba, qabel bdew ix-xogħolijiet, il-kċina tal-atturi ma kellha ebda ħsara. Qalet li mbagħad il-Perit Sciberras reġgħet marret wara li bdew ix-xogħolijiet u ikkonstatat ħsarat.

Sar ukoll kontro-eżami lill-attriċi.

Ġew ippreżentati l-affidavits ta’ Norbert Grech, ta’ Mario Grech, ta’ Christelle D’Amato u ta’ Anthony Vassallo.

Xehed il-Perit John Schembri, li kkonferma li d-dokument JS1 a fol. 50 kien imħejji minnu. Qal li meta ħejja dak ir-rapport kien mar fil-proprjetà inkwistjoni u ċċekkja l-madum, li kien jidher li kien *dislodged*. Kien hemm madwar għoxrin metru kwadru ta’ madum li kellu jinbidel.

Xehed Stephen Calleja, li qal li kien imqabbad jaqla’, inaddaf, jarmi u jqiegħed il-madum. Ix-xhud għaraf id-dokument a fol. 53 bħala stima tiegħu. Huwa kkonferma li l-madum kellu jinbidel kollu. Qal lil-prezz indikat fl-istima, jiġifieri ħames mija u għoxrin Ewro (€520) kien ikopri l-madum tal-ħitan tal-kċina kollha.

Reġa’ xehed in eżami l-konvenut Norbert Grech. Huwa ppreżenta pjanta tal-kċina u d-*dining room* tal-atturi u wera fejn kien hemm il-madum imwaħħal.

Xehed l-attur Paul Borg in kontro-eżami u kkonferma dak li qal Stephen Calleja, jiġifieri li l-madum kollu kellu jinbidel u kien ser jiswa ftit aktar minn ħames mitt Ewro. Kuntrarjament għal li qal Calleja, iżda, Borg qal li tlett ħitan biss minn erbgħa kienu miksijin bil-madum, u wieħed mit-tlett ħitan kien nofsu biss miksi.

Xehed Anthony Vassallo, prodott mill-konvenuti. Dan qal li tqabbad mill-konvenut Norbert Grech biex jagħmel xogħol ta’ manutenzjoni fuq il-bieb prinċipali, fuq ir-remissa, fuq xi biex ieħor u fuq il-gallarija. Dan l-inkarigu ngħata qabel is-sajf tal-2019. Żied jgħid li fil-31 ta’ Lulju 2019, Norbert Grech talbu jagħtih stima għal bieb prinċipali ġdid. Huwa kkonferma l-istima a fol. 105. Qal li hu ma ħadimx bieb ġdid u kien ta lil Norbert Grech stima għal tiswijiet fuq il-bieb. Mistoqsi dwar il-kundizzjoni tal-bieb, ix-xhud spjega li kien bieb miżbugħ biż-żebgħa antika u kien biss meta wieħed iżarma u jaqla’ il-bieb li jkun jaf eżattament x’hemm bżonn li jsir.

## <u>**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**</u>

*i.* *<u>It-talba prinċipali</u>*

Fit-talba prinċipali, l-atturi jitolbu li l-konvenuti jkunu kkundannati jħallsuhom is-somma ta’ elf u tnejn u disgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,092.95) rappreżentanti danni subiti minnhom fil-proprjetà tagħhom bi ħtija tal-intimati.

Il-pożizzjoni tal-atturi hija essenzjalment li fil-31 ta’ Lulju 2019, il-konvenuti kienu qed jagħmlu xi xogħolijiet fil-fond tagħhom (jiġifieri tal-konvenuti stess) meta għal xi raġuni, intuża xi apparat mill-konvenuti li nifed il-ħajt bir-riżultat li laqat in-naħa ta’ wara tal-madum li kien qiegħed jiksi partijiet mill-ħitan tal-kċina tal-atturi. Huma sostnew li l-madum tagħhom spiċċa maqlugħ (*detached*) minn mal-ħajt u li kellu jinbidel il-madum kollu.

It-Tribunal josserva li l-konvenuti ma ppreżentawx oppożizzjoni partikolarment qawwija f’dan ir-rigward. Huwa biss fl-affidavit ta’ Mario Grech (fol. 91) li jingħad li ma ntuża ebda “*jigger*”, iżda ntuża biss *angle grinder* li miegħu twaħħlet *wire brush* kif ukoll *driller* tal-elettriku. It-Tribunal jinnota li f’każ bħal dan, mhuwiex mistenni li l-atturi jew binhom (li f’dak il-ħin ma kinux preżenti fid-dar tal-konvenuti) jkunu jafu eżattament x’apparta intuża. Li huwa ċert hu li l-atturi jew min minnhom bdew jisimgħu ħsejjes li allarmawhom ferm. Forsi ma kienx “*jigger*”, imma seta’ kien id-*drill* elettriku.

Fil-*condition report* datat 21 ta' Ottubru 2019 (jiġifieri ftit xhur wara l-episodju appena deskritt), il-Perit Faye Sciberras tirreferi għall-kċina tal-atturi u tgħid (a fol. 38):

"*The furniture is dated but seems in good condition. There were, however, wooden props holding up the top kitchen cupboards. Mr and Mrs Borg claim that when finishing works were being carried out in my client's property the tiles got detached from the wall and thus made the top cupboards unstable. Hence Mr and Mrs Borg felt the need to place wooden props underneath the top cupboards to remove any weight the top cupboards could be transferring onto the tiles. The tiles were visually examined and none of the tiles had any visual cracks. Each tile was tapped on and below one can see the tiles which sounded hollow, and thus detached from the wall, marked in red.*"

F'dan l-istadju, tajjeb wieħed jinnota li l-Perit John Schembri (ara x-xhieda tiegħu in eżami a fol. 115 u 116) u l-Perit Faye Sciberras jaqblu li l-mod kif wieħed jiddetermina jekk il-madum kienx *detached* kien li wieħed itaptap fuqhom u jisma' il-ħoss. Barra minn hekk, iż-żewġ periti taptpu fuq il-madum kollu u rriżultalhom li kollu kien *dislodged*.

Il-*condition report* tal-Perit Faye Sciberras datat 9 ta' Mejju 2018 jirreferi fil-qosor għall-fond tal-atturi (fol. 47) u jsemmi l-kċina iżda ma jagħtix dettalji.

Fuq bilanċ ta' probabilitajiet, jidher għalhekk li l-ħsara relattiva seħħet wara d-9 ta' Mejju 2018 u qabel il-21 ta' Ottubru 2019.

It-Tribunal jerġa' idur għall-affidavit ta' Mario Grech (fol. 91) u jinnota li dan qal:

"*…f'ebda mument id-driller ma taqqab fuq il-parti tal-ħajt diviżorju tagħhom, u dan hekk kif ġie kkonfermat fil-condition report redatt mill-Perit Faye Sciberras.*"

It-Tribunal ma jsibx provi li jsostnu dan. Ma ġie ppreżentat ebda *condition report* li jiddikjara ċar u tond li ebda *driller* jew apparat simili ma nifed il-ħajt sal-madum tal-kċina tal-atturi. Oltre dan, il-Perit Sciberras kif kienet ser tikkonstata jekk ġiex minfud il-ħajt kollu meta l-madum kien għadu f'postu, għalkemm *detached* minn mal-ħajt?

Anki jekk għall-grazzja tal-argument, ebda *driller* jew apparat simili ma nifed il-ħajt, ma jistax jiġi nnegat li l-vibrazzjonijiet ikkawżati minn apparat ta' dan it-tip jista' jikkawża ħsarat bħal dawk li sofrew l-atturi. Dan jispjegah il-Perit John Schembri fir-rapport tiegħu (fol. 50).

Il-Perit Schembri xehed li l-ħsara li saret kellha bżonn spiża ta' madwar disa' mija u ħamsin Ewro (€950) biex tissewwa.

It-Tribunal huwa konvint li ġie stabbilit li l-ħsarat subiti mill-atturi fir-rigward tal-madum tal-kċina ġie kkawżat unikament mill-konvenut Mario Grech, li skont dak li xehed huwa stess, kien hu li kien qiegħed jopera l-makkinarju inkwistjoni. Fil-fehma tat-Tribunal, m'hemmx provi li Norbert Grech u Christelle D'Amato kienu qed joperaw xi makkinarju jew apparat.

Fir-rigward tal-*quantum*, l-atturi talbu s-somma ta' elf u tnejn u disgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,092.95).

It-Tribunal għandu quddiemu:

- Ir-rapport tal-Perit John Schembri li jagħti figura ta' madwar disa' mija u ħamsin Ewro (€950);

- Stima ta' Magri Bathrooms Limited li tindika l-ammont ta' €572.95 (iżda lanqas biss issemmi madum); u

- Stima ta' Stephen Calleja sabiex jinqala' u jintrema l-madum qadim u jitwaħħal madum ġdid, liema stima tindika l-ammont ta' €520.00.

Huwa ċar li biex l-atturi waslu għall-ammont mitlub minnhom, għoddew l-istima ta' Magri Bathrooms Limited u l-istima ta' Stephen Calleja.

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Giovanni Vella et vs. Michael Cilia*** (deċiża fis-17 ta' Novembru 2004) li fiha ntqal:

"*Fid-dawl ta' dan il-principju, hi l-fehma ta' din il-Qorti illi ma tistax toqghod ghal kollox fuq certa stima preparata mill-attur innifsu billi ma ssibx li hi la logika guridika u, wisq anqas, gustizzja sostanzjali illi taccetta bl-addocc stima tal-parti interessata, li tghid ukoll li ser tezegwixxi x-xoghlijiet hi stess. Dan aktar u aktar, imbaghad, meta jsir ezami komparattiv bejn l-istima ghat-tikhil u tibjid (fol. 4) u dik ghall-istess xoghol fil-flat Numru 1 tal-konjugi Herrera (fol. 19). Dan ighodd ukoll fil-kaz ta' l-istejjem ghall-bibien u l-ghamara (fol. 3 paragunat ma' fol. 18);*

*Ikun zball li l-gudikant jaccetta fl-ghama l-ammonti stabbiliti fil-quotations a fol. 3 u 4. Aktar u aktar, fl-assenza ta' ghajnuna ta' opinjoni teknika in materja. Naturalment, ikun zball ukoll kieku d-domanda ghar-rizarciment tad-dannu tigi respinta sempliciment fuq ir-riljiev illi l-provi forniti fir-rigward ma humiex sufficjentement precizi. F'kaz bhal dan il-gudikant ghandu certament jipprocedi ghal likwidazzjoni ekwitativa. Principju dan li hu del resto mqieghed a bazi tal-gudizzju fil-kwestjonijiet trattati u decizi mit-tribunal specjali krejat bl-Att V ta' l-1995. Dan skond l-Artikolu 7 (1) ta' l-Att*"

Għalhekk, ġaladarba f'dan il-każ hemm stimi redatti minn persuni suffiċjentement tekniċi, it-Tribunal ma jarax raġuni għaliex m'għandux jikkonkludi li Mario Grech għandu jħallas l-ammont ta' elf u tnejn u disgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,092.95) lill-atturi.

## *ii. <u>Il-kontro-talba</u>*

Il-konvenuti rikonvenzjonanti talbu li l-atturi jkunu kkundannati jħallsuhom elfejn u mitt Ewro (€2,100) għal ħsarat ikkaġunati fuq il-bieb ta' barra tal-fond tal-istess konvenuti. Ix-xhud Anthony Vassallo xehed in kontro-eżami u qalli fil-31 ta' Lulju 2019 stess, Norbert Grech talbu stima sabiex isir bieb ġdid. Qal ukoll li dan il-bieb qatt ma nħadem.

Fir-rigward tal-allegat żgass, li jekk ippruvat, ikun il-kawża prinċipali tal-allegati ħsarat fil-bieb, it-Tribunal josserva li għalkemm Norbert Grech beda l-affidavit tiegħu (fol. 84) billi qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien fuq ix-xogħol, huwa mbagħad qal li l-atturi żgassaw il-bieb biex daħlu. Kif seta' jgħid dan jekk fil-ħin tal-allegat żgass huwa ma kienx preżenti? Bl-istess mod, kif setgħet Christelle D'Amato tgħid fl-affidavit tagħha li ġie żgassat bieb meta hi ma kinitx preżenti?

Il-konvenut Mario Grech jgħid li fil-31 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tal-4:15 ta' waranofsinhar, sema' ħoss kbir ġej mill-entratura. Qal li meta ħareġ, ra lill-attur Paul Borg li kien wasal fil-kuritur. Għalkemm żgass ta' bieb jagħmel ħoss kbir, it-Tribunal josserva li fil-paragrafu preċedenti, Mario Grech qal li kien qed juża l-ewwel *angle grinder* b'*wire brush* u anki *electric driller*. Dawn iż-żewġ affarijiet huma makkinarju li jagħmel ħsejjes konsiderevoli. Seta' kien faċilment il-każ li l-bieb ta' barra kien baqa' miftuħ jew imbexxaq u Paul Borg daħal għax sab il-bieb miftuħ.

Għalhekk, it-Tribunal, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, mhuwiex konvint li seħħ żgass u mhuwiex konvint li jekk kien hemm xi ħsarat f'xi bieb li jappartjeni lill-konvenuti, dawn il-ħsarat ġew ikkawżati mill-atturi.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

1. Jillibera lil Norbert Grech u lil Christelle D'Amato mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Jilqa' t-talbiet kollha tal-atturi inkwantu diretti kontra Mario Grech u konsegwentement jikkundannah iħallas lill-atturi s-somma ta' elf u tnejn u disgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,092.95);

3. Jiċħad il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti;

4. Jiċħad it-talba tal-atturi rigward imgħaxijiet billi din hija kawża għar-riżarċiment ta' ammont fiss f'danni u mhux kawża għal irkupru ta' xi dejn f'kuntest ta' kummerċ; u

5. Jordna li l-ispejjeż kollha konnessi mal-kawża jitħallsu mill-konvenut Mario Grech.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**